Il-klieb għaqlin tajruha, u miskina taret dritt għal quddiem il-kaċċatur, u tir wieħed biss tal-Browning kien biżżejjed biex jaqsmilha ġewnaħ. Waqgħet fi spiral dejjaq, u bilkemm messet ma' l-ilma li l-kelb ma ġabarhiex.

Sidha ġie lura daħkan.

"Dik x'inhi, Lin?"

"Gal!ozz", qalli, u wrieni ċappa rix imqanfed u maħsul bid-demm li ftit ilu kien għasfur itir b'majesta' u grazzja fuq il-wiċċ tal-mera tal-ilma.

"X'se tagħmel bih?"

"Ara x'qallek! Nibbalzmah."

Xi swied il-qalb ħallie!i, Wenz. Jimlew il-vetrini bl-agħsafar ibbalzmati, u l-ilmijiet u l-imsaġar tagħna jixxenqu l-għanja ta' għasfur. Mewt u qerda nxerrdu kull fejn ngħaddu, Wenz!

Marru l-kaċċatur u l-klieb, u bqajna jien u int, Wenz, u dik l-iris kaħla, li issa għandha f'qalbha rubin aħmar jiddi, qatra demm ta' gallozz.

---

# QABEL TAGĦFAS IL-ĦABEL

Qabel tagħfas il-ħabel mal-gerżuma,
jew titla' fuq ix-xifer tal-Barrakka,
jew tibla' l-mediċina misterjuża:
Aqtagħhom kollha l-petali tal-warda
bl-iva u l-le; l-irdumijiet imwiegħra
inżilhom wieħed wieħed sa ma tegħja;
itlagħhom il-għoljiet sakemm id-dinja
tinfirex taħtek; il-moħbiet ta' l-ibħra
iġrihom sa ma l-kaxxa ta' l-ossignu
tiżvojta w inti titla' fuq wiċċ l-ilma;
u imxi mat-triqat u l-pjazez kollha
li jwasslu għal xi mkien.
Iżda tistenninix li niġi miegħek.
Ma' l-ewwel skoss li nagħti n-nifs jinqata'
u mmut qabel iż-żmien.

Oliver Friggieri

8 ta' Settembru, 1971.



# X'INHU MALTI TAJJEB?

Ta' RODRIG BIN-BOVINGDON

Huwa fi ħsiebi, meta nikteb dawn iż-żewġ kelmiet li, niċċaraw f'imħuħ ħafna Maltin u Għawdxin, ħafna idejiet foloz dwar ilsienhom. Sabiex wieħed jitħaddet dwar ilsien, ikun liema jkun, jeħtieġ li qabel xejn ikun studjah; f'ħafna każi jeħtieġ ukoll li jkun studja xi ilsna barranin biex jissaħħaħ fil-fehma u fl-argumenti tiegħu.

Tisma' bosta min jgħidlek li l-Malti mhux ilsien għalih, iżda li huwa taħlita ta' qabda ilsna barranin li jagħmluh djalett ippastardjat. Lil dawn li jżommu din il-fehma ngħidulhom l-ewwelnett ma jkunux prużuntużi u t-tieni li jfittxu jitgħallmu xi ħaġa dwar il-Malti qabel jaqtgħu ż-żarda dwaru, sew ma' sħabhom Maltin kif ukoll u iktar mal-barranin.

Mela nifhmu l-ewwel li, kull ilsien li hawn fid-dinja fih xi taħlit f'ilsna oħra. Biex infisser ruħi aħjar, fl-Ispanjol hemm influwenza qawwija Għarbija, fl-Ingliż hemm il-Latin, Grieg Klassiku u Franċiż, fit-Taljan hemm il-Latin u l-Grieg Klassiku u fil--Malti għandna l-Għarbi, Taljan u Sqalli u aktar reċenti l-Ingliż. Hemm influwenzi oħrajn ukoll f'dawn l-ilsna imma bħala ewlenin huma dawn li semmejt. Qabel ma ngħaddi għas-suġġett ta' "Malti tajjeb" minn din id-daħla qasira nixtieq nistaqsi lil dawk il-Maltin li ssaħħru wara t-Taljan b'tali mod li għadhom sa llum jissaltjaw idaħħluh flok il-Malti; jafu dawn it-talin ta' moħħ dejjaq kemm hemm influwenza qawwija Għarbija fit-Taljan?

Fhiex jikkonsisti Malti tajjeb? F'kemm nafu nsaffu jew f'kemm jirnexxielna ndaħħlu kliem u għidut Taljani u Ngliżi? Nibdew mill-ewwel targa. — Meta titkellem ma' bniedem fit-triq ma toqgħodx tfittex l-irqaqat tal-grammatka; il-kelma tgħidha kif tħossha ħierġa u kif tkun imdorri titħaddet. Ukoll meta titkellem bil-kitba ma' xi qarib jew ħabib f'ittra, tikteb bħal meta titkellem iżda b'attenzjoni lejn il-grammatka. Imma meta tikteb xi qarja lil xi ras kbira jew xi ittra kummerċjali tuża kliem aktar fin u grammatka adattata skond ma titlob l-okkażjoni. Hekk jekk tfassal poeżija għandek ir-regoli fissi jorbtuk jekk timxi mat-tradizzjoni waqt li jekk tikteb xi tiġriba jew test letterarju, hemm tfittex li ssaffi u treqq, mhux kemm tiflaħ u taf, imma x'jitolbu s-sengħa tal-kitba, issens komun u x-xejra taż-żmien li fih jew għalih tkun tikteb.

Niġu issa għall-punt importanti tagħna "x'inhu Malti tajjeb". Malti tajjeb huwa, bħal f'kull ilsien ieħor, l-użu ta' kliem u grammatka skond ma titlob il-ħtieġa u l-okkażjoni mingħajr la soffija żejda u la użu żejjed ta' kliem barrani meta tista' tinqeda bil-kelma ġewwenija.

Hekk mela jekk jiena qiegħed noħloq xi biċċa xogħol ta' fejda kbira letterarja, nagħmel tajjeb f'kull sens (u ħadd ma jista' jmaqdar dan)